



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' April 2015
(OR. en)

7823/15

COAFR 131
ACP 60
CFSP/PESC 29
DEVGEN 46
COTER 59
MAMA 4
COHAFA 40
MIGR 23

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7776/15	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għas-Saħel 2015-2020

Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' April 2015, il-Kunsill adotta l-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsabu fl-anness għal din in-nota.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għas-Sahel 2015-2020

1. Il-Kunsill illum jadotta l-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għas-Sahel 2015-2020 li jipprovdi l-qafas ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Sahel, kif adottat u rivedut fil-Konklużjonijiet tiegħu fil-21 ta' Marzu 2011 u s-17 ta' Marzu 2014, rispettivament. L-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tasal fi żmien kruċjali għall-pajjiżi fis-Sahel. Il-Kunsill jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni, li jafferma mill-ġdid l-impenn kontinwu tal-UE fir-reġjun tas-Sahel u l-appoġġ tiegħu għal żvilupp politiku u soċjoekonomiku, sostenibbli u inklużiv, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza demokratika u l-istat tad-dritt kif ukoll ir-reżiljenza, bħala rispons għal kriżijiet multidimensjonali fis-Sahel. It-tisħiħ tas-sigurtà fir-reġjun permezz tal-ġlieda kontra t-terroriżmu¹, it-traffikar illeċitu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, tibqa' l-oġettiv ewlieni tal-UE. Fil-kuntest tal-approċċ komprensiv tiegħu, inkluż il-kontribut tal-Istituzzjonijiet tal-UE, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għas-Sahel kif ukoll tal-Istati Membri tal-UE, l-UE ttenni l-impenn tagħha biex tappoġġa inizjattivi reġjonali u mmexxija mill-pajjiż u li jappartjenu lill-pajjiż fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni, bl-użu tal-istrumenti rilevanti kollha tagħha, b'mod partikolari l-programmi indikattivi reġjonali u nazzjonali taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp kif ukoll il-programmi tal-Istati Membri, u li jinkludu wkoll il-missjonijiet tal-PSDK EUTM Mali, EUCAP Sahel Niger u EUCAP Sahel Mali, u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Frar 2015 dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu

2. L-objettiv strateġiku oriġinali tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħel, bl-enfasi fuq ir-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà kif ukoll l-erba' pilastri għall-implimentazzjoni tagħha, jibqa' rilevanti bis-sħiħ u jagħti qafas komprensiv għall-azzjoni tal-UE fis-Saħel. Il-Pjan ta' Azzjoni jipprovdi bażi solida biex jiġu segwiti l-objettivi tal-Istrateġija u biex tiġi rinfurzata l-attenzjoni tal-UE fuq erba' oqsma li huma rilevanti għall-istabbilizzazzjoni tar-reġjun, jiġifieri l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, il-ħolqien ta' kondizzjonijiet adatti għaż-żgħażagħ, il-migrazzjoni, il-mobbilità u l-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata transnazzjonali. L-UE tissottolinja b'mod partikolari l-importanza li jitrawmu sinerġiji aktar mill-qrib bejn il-pajjiżi tar-reġjun kif ukoll bejn is-Saħel u pajjiżi ġirien. Minħabba l-prossimità tas-Saħel mal-UE u mal-viceinat immedjat tagħha, hija tinnota l-ħtieġa, sabiex jiġu indirizzati aħjar kwistjonijiet transkonfinali, biex tesplora aktar spazju komuni għal djalogu u kooperazzjoni bejn is-Saħel, il-Magreb u l-UE f'setturi rilevanti bħas-sigurtà u l-migrazzjoni. Dan għandu jsir fil-qafas tal-mekkaniżmi u djalogi eżistenti bħall-proċessi ta' Rabat u ta' Khartoum dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp.

3. L-UE ttenni li tinsab lesta tissokkta l-ħidma mill-qrib mal-pajjiżi tar-reġjun tas-Saħel biex tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jinkisbu l-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp. L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ser titwettagħ bis-sjieda sħiħa u taħt ir-responsabbiltà primarja tal-pajjiżi kkonċernati, u f'koordinazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali ewlenin u sħab oħra, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-Unjoni Afrikana (UA), il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS), l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent (WAEMU), il-G5 tas-Saħel, il-Kummissjoni tal-Baċin tal-Lag Chad u l-Bank Dinji, kif ukoll mas-soċjetà ċivili. F'dan ir-rigward, l-UE tissottolinja l-importanza li titkompla din il-koordinazzjoni internazzjonali u reġjonali mill-qrib, inkluż bejn ir-RSUE għas-Saħel, il-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għas-Saħel, ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Mali u r-Rappreżentant Għoli tal-UA għall-Mali u s-Saħel, bil-għan li jinħolqu sinerġiji fl-implimentazzjoni ta' strateġiji rispettivi.

4. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jibdeu jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali għas-Saħel. Il-Kunsill ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni kif adatt, u mill-inqas darba fis-sena.

ANNESS

STRATEĠIJA TAL-UE GĦAS-SAHÉL
PJAN TA' AZZZJONI REĠJONALI 2015-2020

SOMMARJU

Is-sigurtà u l-iżvilupp fir-reġjun tas-Saħel huma importanti għall-Unjoni Ewropea. Il-faqar estrem, it-tensjonijiet interni, id-dgħufijiet istituzzjonali, id-demografija li qed tiżdied, kriżijiet tal-ikel frekwenti, governanza u stat tad-dritt fraġli, rekords ħżiena tad-drittijiet tal-bniedem, il-migrazzjoni irregolari u reati relatati bħat-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti huma sfidi serji għar-reġjun u għandhom effetti potenzjali li jinxterdu barra mir-reġjun, inkluż l-UE.

Il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali (PAR) għandu l-għan li jimplimenta l-Istrateġija tal-UE għas-Saħel², billi jidentifika azzjonijiet u inizjattivi għas-snin li ġejjin, f'koordinazzjoni ma' attivitajiet tal-Istati Membri, waqt li jibni fuq l-oġettivi tiegħu u jieħu kont tal-esperjenza miskuba. Huwa jistabbilixxi rabta bejn id-diversi inizjattivi u attivitajiet tal-UE, u jsaħħaħ is-sinerġiji f'konformità ma' sforzi ta' koordinazzjoni. Għalhekk il-PAR jikkostitwixxi qafas għall-azzjoni tal-UE fir-reġjun tas-Saħel li japplika approċċ komprensiv sabiex jiżgura li l-politiki, l-istrumenti u l-għodod jaħdmu flimkien għall-istess oġettivi li jiġġeneraw riżultati aħjar, f'koordinazzjoni sħiħa mal-Istati Membri.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel, it-3076 Kunsill AFFARIJET BARRANIN li ltaqa' fi Brussell, 21 ta' Marzu 2011; Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal, Dokument Konġunt Strateġija Ewropea għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel SEC(2011)331 final

L-Istrateġija għas-Saħel infisha tibqa' valida u l-objettiv strateġiku oriġinali tagħha għandu jiġi kkonfermat u l-impenn lejn l-implimentazzjoni jiġi mġedded, b'diviżjoni tal-ħidma bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Madankollu, il-ħtieġa li tingħata attenzjoni lil oqsma magħżula hija ugwalment essenzjali għal attivitajiet futuri fil-qafas ta' din l-istrateġija u l-PAR jidentifika erba' oqsma li għandhom jiġu rinfurzati aktar: 1) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, 2) Il-ħolqien ta' kondizzjonijiet adatti għaż-Żgħażagħ, 3) Il-Migrazzjoni u l-Mobilità, 4) Il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata transnazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-PAR għandha tibqa' flessibbli sabiex jiġu kkunsidrati bidliet fir-Reġjun u għandha tirrifletti l-istrateġiji ta' sħab lokali. Hija għandha ibni fuq programmi u attivitajiet eżistenti u li għaddejjin. L-identifikazzjoni ta' inizjattivi konkreti fir-reġjun ser tiġi ggwidata mill-potenzjonal tagħhom li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi. L-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Mali u l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi mistenni ser ikollhom impatt li għandu jiġi kkunsidrat kemm jista' jkun. Fl-aħħar nett, ser tiġi mfittxija l-komplementarjetà ma' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni rilevanti oħra tal-UE (Strateġija Konġunta UE-Afrika³, Strateġija tal-UE dwar il-Golf tal-Guinea⁴, Komunikazzjoni Konġunta dwar kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-integrazzjoni reġjonali fil-Magreb⁵, il-Proċess ta' Rabat: id-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Ruma⁶ u oħrajn).

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill - Mill-Kajr għal Lisbona - Il-Partenarjat Strateġiku bejn l-UE u l-Afrika, COM (2007)357 final.

⁴ Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Elementi għar-Rispons Strateġiku tal-UE għall-Isfidi fil-Golf tal-Ginea JOIN(2013)31 final.

⁵ [Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, Li tappoġġa l-kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-integrazzjoni reġjonali fil-Magreb/ l-Alġerija, il-Libja, il-Mawritanja, il-Marokk u t-Tuneżija, JOIN\(2012\)36 final.](#)

⁶ [Proċess ta' Rabat: id-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Ruma 2015-17.](#)

INTRODUZZJONI

Bi tweġiba għall-estremiżmu vjolenti, ir-radikalizzazzjoni, it-traffikar illeċitu u t-terroriżmu b'mod parallel ma' sfidi ta' faqar estrem u governanza fraġli fis-Saħel, fl-2011 il-Kunsill adotta l-Istrateġija tiegħu għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel li tkopri l-Mali, il-Mauritania u n-Niġer. L-Istrateġija ġiet riveduta u diskussa matul il-Kunsill Affarijiet Barranin f'Marzu 2014. Il-Kunsill ikkonkluda li jestendi l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Burkina Faso u ċ-Chad⁷, u ssuġġerixxa l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni Reġjonali (PAR) għdid għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

Il-Kunsill ikkonkluda ulterjorment li l-oġġettivi u l-linja ta' azzjoni strateġiċi sottostanti tal-Istrateġija tas-Saħel fl-oqsma tal-iżvilupp, is-sigurtà, il-konsolidazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni ta' konflitti, u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni jibqgħu rilevanti, kif tibqa' wkoll l-interdipendenza tagħhom.

L-Istati Membri appoġġaw b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-Istrateġija, li pprovdiet il-qafas għall-impenn tagħhom fis-Saħel, f'xi każijiet flimkien mal-iżvilupp tal-istrateġiji speċifiċi tagħhom stess.

Madankollu, is-sitwazzjoni attwali fis-Saħel tibqa' delikata bħal ma kienet erba' snin ilu u probabbilment aktar ta' sfida, u dan jenfasizza l-ħtieġa għal impenn imġedded għall-oġġettivi ambizzjużi tal-Istrateġija kif ukoll għal aktar tisħiħ tal-koerenza u l-effikaċja tal-azzjonijiet tal-UE. Konsegwentement, l-oġġettiv prinċipali tal-PAR huwa li jibni fuq l-esperjenza miksuba, jipprova jikseb l-oġġettivi, u jiżgura li s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u s-SEAE jkomplu b'azzjonijiet konkreti. Għal dan il-għan, il-PAR jidentifika azzjonijiet ta' prijarità li għandhom jissaħħu aktar u jiġu implimentati flimkien ma' attivitajiet oħra li għaddejjin kif ukoll dawk diġà ppjanati.

⁷ Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li "d-djalogu politiku dwar il-prevenzjoni ta' konflitti u kwistjonijiet ta' sigurtà fir-reġjun tas-Saħel ser jiżdied ukoll fil-pajjiżi rilevanti tal-Afrika tal-Punent u l-pajjiżi ġirien, inkluż is-Senegal, in-Niġerja u l-Kamerun kif ukoll fil-pajjiżi tal-Magreb".

Is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u s-SEAE ser jistinkaw biex jieħdu kont aħjar tal-fatt li s-Sahel jinsab biswit il-pajjiżi ġerien tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk ser jesploraw modi kif isaħħu l-koooperazzjoni fuq livell Ewropew/tal-Magreb/tas-Sahel, kif ukoll ma' pajjiżi oħra rilevanti tal-Afrika tal-Punent u tal-viċinat, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, bħall-prijoritajiet tal-PAR.

Il-PAR attwali huwa r-riżultat ta' proċess ta' konsultazzjonijiet b'kontribut mill-partijiet interessati inkluż Delegazzjonijiet fis-Sahel, kif ukoll l-Istati Membri⁸ u oħrajn. Minħabba li s-sitwazzjoni fis-Sahel hija instabbli, dan id-dokument ser jibqa' għodda flessibbli u dinamika għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għas-Sahel fis-snin li ġejjin.

ANALIŻI TAL-KUNTEST

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fir-reġjun tas-Sahel tibqa' instabbli ħafna, b'sitwazzjoni partikolarment prekarja fit-Tramuntana tal-Mali u madwar il-Lag Chad, minħabba effetti konsegwenzjali min-Nofsinhar tal-Libja u t-Tramuntana tan-Niġerja. In-Niġer huwa ċentru importanti u pajjiż ta' transitu għal movimenti migratorji mis-Sahel. L-isfidi marbutin mal-faqar estrem, in-nuqqas ta' stabbiltà inkluż il-fraġilità ekonomika jibqgħu serji bħal ma kienu fl-2011. Il-migrazzjoni rregolari u reati relatati bħat-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, il-korruzzjoni, it-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata transnazzjonali qed jikbru partikolarment fejn hemm preżenza dgħajfa u/jew ftit preżenza ta' kwalunkwe awtorità governattiva. Il-perssojoni tal-migrazzjoni qed tiżdied, b'implikazzjonijiet serji kemm għall-pajjiżi fir-reġjun kif ukoll għall-UE.

Ir-reġjun tas-Sahel għadu jintlaqat regolarment minn kriżijiet umanitarji, b'aktar minn 20 miljun ruħ b'insigurtà tal-ikel fl-2015 li minnhom aktar minn 4 miljun ruħ jinsabu fi bżonn ta' assistenza ta' emerġenza tal-ikel, u b'hekk jibqa' wieħed mir-reġjuni ewlenin fl-Afrika fil-mira ta' assistenza umanitarja. In-nixfa, it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet ta' saħħa ser ikomplu jaffettwaw popolazzjonijiet lokali (li qed jiżdiedu), u hemm hteġa kritika biex jiġu indirizzati vulnerabbiltajiet sottostanti u biex tinbena reżiljenza għal xokkijiet futuri (klimatiċi u relatati mal-konflitti) fil-livell nazzjonali u komunitarju, b'interventi li jkopru l-protezzjoni soċjali, is-sigurtà tal-ikel, in-nutrizzjoni u l-għajxien b'mod partikolari.

⁸ L-Addendum 3 jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-impenn tal-Istati Membri fir-reġjun tas-Sahel.

Fl-istess waqt, hemm nuqqas ta' kapacià governattiva u xi drabi ma jkunx hemm biżżejjed impenn politiku fir-reġjun biex jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u dan jikkostitwixxi kemm kawża ewlenija kif ukoll sintomu ta' kriżijiet rikorrenti fir-reġjun. Dan huwa aggravat minn istituzzjonijiet tal-istat tad-dritt dgħajfa, korruzzjoni, nuqqas ġenerali ta' responsabbiltà, inugwaljanzi soċjali u bejn is-sessi u prattiċi diskriminatorji ripetuti kontra ċerti gruppi vulnerabbli. It-tiżhijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt ser jibqgħu komponenti kruċjali ta' dan il-pjan ta' azzjoni reġjonali bħala tweġiba għall-kriżi multidimensjonali fis-Saħel.

Is-Sistema ta' Tbassir Bikri ta' Konflitti tal-UE tindika li attwalment is-sitwazzjoni ġenerali fis-Saħel qed tmur għall-agħar jew qed tistaġna, kif indikat ukoll mill-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem⁹, li lanqas ma juri ebda titjib. Bħala riżultat, ir-reġjun tas-Saħel għadu kkaratterizzat minn sfidi kbar ta' żvilupp, instabbiltà u firdiet politiċi kbar. Għalhekk għadhom japplikaw fatturi li kienu oriġinarjament identifikati fl-Istrateġija tal-UE għas-Sigurtà u l-Iżvilupp¹⁰.

B'mod partikolari, is-sitwazzjoni fil-Mali għadha preokkupanti ħafna minkejja l-intervent ta' Franza u l-iskjerament tal-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabilizzazzjoni f'Mali (MINUSMA), b'għadd kbir ta' attacchi terroristiċi u għadd kbir ta' feruti fost il-forzi taż-żamma tal-paċi, l-armata tal-Mali u l-popolazzjoni ċivili, speċjalment fir-reġjuni tat-Tramuntana. Il-Konferenza tad-Donaturi ta' Brussell (Mejju 2013) irnexxielha timmobilizza riżorsi sostanzjali biex il-pajjiż jingħata spinta u l-mekkaniżmu ta' segwitu li ġie stabbilit ippermetta monitoraġġ b'attenzjoni tal-implimentazzjoni. Ir-restawr tal-ordni kostituzzjonali kien ta' suċċess, iżda jifdal ħafna sfidi, u l-implimentazzjoni ta' ftehim għall-paċi kredibbli, inklużiv u sostenibbli ser tkun importanti ħafna u ser teħtieġ impenn imġedded mill-pajjiżi fir-reġjun u l-komunità internazzjonali, inkluża l-UE.

⁹ Fil-lista tal-187 pajjiż fir-Rapport tan-NU dwar l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tal-2014 (ibbażata fuq estimi mill-2013) in-Niġer jinsab fil-187 post (post wieħed 'l isfel mis-sena preċedenti); iċ-Chad 184 (post wieħed 'l isfel); il-Burkina Faso 181 (l-istess post); il-Mali 176 (l-istess post); il-Mawritanja 161 (żewġ postijiet 'l isfel).

¹⁰ Dan jaqa' wkoll taħt il-qafas tal-Istrateġija Konġunta Afrika-UE (għandha tiddaħħal ir-referenza) li ġie kkonfermat fir-Raba' Summit UE-Afrika fi Brussell, April 2014.

Fuq il-livell reġjonali, ġew immedija inizjattivi ġodda sabiex jirrispondu għall-ħtieġa ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib u azzjoni kollettiva. Fost l-oħrajn:

- L-Alleanza Globali tal-UE għall-Inizjattiva tar-Reżiljenza (AGIR) immedija f'Ouagadougou f'Diċembru 2012.
- Il-ħolqien tal-G5 fl-2014 mill-Kapijiet ta' Stat tal-Burkina Faso, iċ-Chad, il-Mali, il-Mauritania, u n-Niġer biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin fis-Saħel, b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà u l-iżvilupp;
- Il-pjattaforma ministerjali ta' Bamako mmedija wara ż-żjara konġunta ta' livell għoli fir-reġjun fl-2013 (in-NU, l-Unjoni Afrikana, il-Bank Dinji, l-UE) biex jiġu kkoordinati l-istrateġiji għas-Saħel;
- Il-Proċess ta' Nouakchott fl-2013 biex tiġi promossa s-sigurtà kollettiva fir-Reġjun taħt l-awspiċċi tal-UA;
- L-ġhoti ta' ħajja ġdida lill-Kummissjoni tal-Baċin tal-Lag Chad biex jiġu trattati kwistjonijiet komuni dwar il-fruntieri, minħabba t-theddida li żdiedet għar-reġjun tas-Saħel minn attivitajiet ta' Boko Haram.

Dawn l-inizjattivi għandhom jiġu appoġġati skont l-interessi u l-prijoritajiet tal-Unjoni.

Madankollu, din tirrikjedi valutazzjoni fil-fond tal-valur miżjud tagħhom, prijoritizzazzjoni u l-għażla t-tajba ta' strumenti.

L-UE ttenni l-ħtieġa għall-involviment u l-parteċipazzjoni kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel fl-isforzi għall-medjazzjoni, in-negozjati għall-paċi u l-konsolidazzjoni tal-paċi.

Rigward l-attivitajiet tal-UE, in-nomina tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) fl-2013 ippermettiet approċċ aktar proattiv lejn ir-reġjun u viżibbiltà akbar tal-UE. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sahel nfisha wasslet għal riflessjoni komuni dwar "ħsieb u ħidma reġjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] aħjar. F'dan ir-rigward, l-estensjoni tal-Istrateġija għall-Burkina Faso u ċ-Chad fl-2014 taw opportunità ġdida biex jitwessa' l-ambitu tal-attivitajiet tal-UE¹¹. Il-valutazzjonijiet komprensivi ta' twissija bikrija li twettqu fl-2013 u fl-2014 għal tmien pajjiżi fir-reġjun usa' tas-Sahel¹² u s-sessjonijiet ta' ħidma addizzjonali tal-analiżi tal-konflitti għan-Niġerja u ċ-Chad li rriżultaw, taw kontribut ta' valur f'termini tal-ilħuq ta' analiżi konġunta tar-riskji tal-konflitt u għad-definizzjoni tal-interessi, il-valur miżjud u l-opzjonijiet tal-UE għall-azzjoni biex jiġu mmitigati dawn ir-riskji għal kull pajjiż u fil-livell reġjonali.

Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni u tas-SEAE ser jistinkta biex jieħdu kont aħjar tal-fatt li s-Sahel imiss mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea. Hemm hteġa għall-iżvilupp ta' spazju komuni għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-UE, il-Magreb u s-Sahel, kif ukoll ma' pajjiżi oħra Afrikani tal-Punent.

Finalment, minkejja l-fatt li l-Istrateġija nfisha għadha valida, il-hteġa għall-iffukar fuq oqsma partikolari, bħall-ġestjoni integrata tal-fruntieri, it-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u l-kriminalità organizzata transnazzjonali, il-mobbiltà u l-migrazzjoni inklużi movimenti migratorji sfurzati, ir-rispons għall-isfidi demografiċi u l-impjiegi taż-żgħażaġh fir-rigward tal-anti-radikalizzazzjoni, qed timponi lilha nfisha fuq l-attivitajiet futuri fil-qafas ta' din l-istrateġija, li għandha jkollha wkoll l-għan li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fir-reġjun.

Dan huwa dak li qiegħed jindirizza l-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali.

¹¹ Missjonijiet interservizz skjerati f'dawn il-pajjiżi għenu jidentifikaw l-ambitu tal-kooperazzjoni fil-kuntest tal-istrateġija

¹² il-Burkina Faso, il-Kamerun, iċ-Chad, il-Mali, il-Mauritania, in-Niġer, in-Niġerja u s-Senegal.

IMPLIMENTAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA U T-TAGĦLIMIET MEĦUDA

L-Istrateġija tas-Sahel kienet ir-riżultat ta' proċess estensiv ta' negozjati u ppjanar u twieġeb għal tħassib komuni tal-UE u l-Istati Membri tagħha dwar iż-żieda fit-theddidiet ta' sigurtà fis-Sahel. Dan l-iffukar komuni kien il-mezz għal djalogu kontinwu u koordinazzjoni mill-qrib fil-kwartieri ġenerali kif ukoll għal azzjonijiet konġunti fil-qasam. L-impenn tal-UE, flimkien mal-attivitajiet tal-Istati Membri¹³, kien impressjonanti matul l-aħħar erba' snin fis-Sahel. L-iffukar fuq ir-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà ippromwova modi ġodda għad-definizzjoni ta' politika.

Sa mill-bidu, intużat firxa wiesgħa ta' stumenti u għodod tal-UE. Meta ġiet adottata l-Istrateġija tas-Sahel, l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp kien wasal f'madwar nofs l-implimentazzjoni tiegħu (2008-2013). Madankollu, taħt dan l-istrument, aktar minn EUR 1.5 biljun ġew allokat lill-Mali, il-Mauritania, u n-Niġer f'appoġġ għal azzjonijiet identifikati fl-istrateġija u fost l-oħrajn: is-setturi soċjali, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni u l-iżvilupp rurali, l-impjiegi, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, ir-riformi tal-ġustizzja, u d-deċentralizzazzjoni. Barra minn hekk, il-Programm Indikattiv Reġjonali għall-Afrika tal-Punent kien qiegħed jappoġġa proġetti ta' kontribuzzjoni għal setturi bħall-paċi u s-sigurtà, il-governanza, l-integrazzjoni ekonomika, u r-reżiljenza. B'riżultat ta' dan, il-maġġoranza l-kbira tal-azzjonijiet kienu konformi mal-orjentazzjoni strateġika tal-azzjoni u l-oġettivi tal-Istrateġija tas-Sahel.

Madankollu, bil-għan li l-azzjoni tiġi ffukata saħansitra aktar il-pakketti finanzjarju tal-pajjiż ġew riveduti fil-kuntest tar-reviżjonijiet ta' nofs it-term u dawk ad hoc sabiex jikkorrispondu aħjar mal-oġettivi tal-istrateġija u biex jinsabu r-riżorsi meħtieġa għal attivitajiet ġodda. Madankollu, f'konformità mal-impenji magħmula bejn il-pajjiżi sħab u l-UE taħt l-10 FEŻ, kif ukoll il-proċeduri eżistenti, dan l-eżerċizzju kien jeħtieġ iż-żmien. Dan jispjega parzjalment għaliex ċertu attivitajiet bdew biss fl-2013.

¹³ Ara l-Addendum III, li jagħti ħarsa ġenerali tal-impenn tal-Istati Membri fis-Sahel.

L-Istrument għall-Istabbiltà (IfS) kif ukoll is-suċċessur tiegħu, l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (IcSP), ġew użati b'mod estensiv fir-reġjun tas-Saħel, kemm taħt il-komponenti fuq medda ta' żmien qasir/rispons għall-kriżijiet kif ukoll fuq medda ta' żmien twil. Fil-qasam tas-sigurtà, l-attivitajiet jinkludu l-appoġġ għall-infurzar tal-liġi ċivili u s-servizzi tal-ġustizzja biex jistabbilixxu mill-ġdid is-sigurtà u jiżguraw il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili (il-Mali), jappoġġaw is-sigurtà fil-livell komunitarju, inkluż il-ħolqien ta' korpi municiġjali tal-pulizija (in-Niġer), u l-infurzar mill-ġdid tal-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri (il-Mauritania, in-Niġer-Niġerja). Ġie pprovdut appoġġ ukoll għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-inizjattivi kontra r-radikalizzazzjoni, il-ħolqien tal-"Kulleġġ tas-Sigurtà tas-Saħel" (attwalment kompost minn rappreżentanti mill-Mali, il-Mauritania, in-Niġer) approvat mill-G5 Saħel, il-promozzjoni tat-tolleranza, id-djalogu u l-libertà tal-kelma, id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet u fir-reliġjonijiet, kif ukoll ingħata appoġġ edukattiv lill-iskejjel Koraniċi (il-Mali, in-Niġerja, in-Niġer), għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti permezz tal-ħolqien ta' opportunitajiet soċjoekonomiċi, speċjalment għaż-żgħażagħ (iċ-Chad, in-Niġer, in-Niġerja). Ġew ukoll appoġġati programmi ta' Diżarm, Demobilizzazzjoni u Reintegrazzjoni li jippromwovu reintegrazzjoni soċjali u ekonomika ta' eks ġellieda/suldati (in-Niġerja, iċ-Chad). Wara l-valutazzjoni ta' twissija bikrija tal-2013, ġiet ikkummissjonata analiżi tal-letteratura dwar il-Ġlieda Kontra l-Estremiżmu Vjolenti (Counter Violent Extremism - CVE) u esperti ħarreġ diversi Delegazzjonijiet fir-reġjun dwar kif jindirizaw is-CVE fil-kuntest speċifiku tagħhom.

Il-Missjoni militari Serval immexxija mill-Franċiżi fl-2012-13 u l-Missjoni Barkhane li għaddejja mnedija f'Awwissu 2014 kienu essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fis-Saħel. Fl-istess ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, it-tliet missjonijiet PSDK¹⁴ fis-Saħel kienu komponenti importanti għar-rispons tal-UE għan-nuqqas ta' stabbiltà fis-Saħel u n-natura transkonfinali tat-theddidiet ta' sigurtà. Bħala miżuri ta' rispons għall-kriżijiet, il-missjonijiet PSDK ifittxu objettivi fuq medda ta' żmien qasir sa dak medju, iżda huma joffru sinerġiji naturali u komplementarjetajiet mal-mandat fuq medda ta' żmien twil tal-komponenti ta' sigurtà tal-istrumenti għall-iżvilupp.

¹⁴ Bħala missjonijiet ċivili, il-EUCAP SAHEL Niger u Mali jagħtu pariri u taħriġ biex jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali u l-forzi tas-sigurtà interni fil-kapaċitajiet għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata. L-EUTM Mali, li hija missjoni militari, li tiegħu persunal militari minn 23 Stat Membru, tħarreġ lill-armata tal-Mali u tipprovd i għarfien esperti għar-riforma tal-forzi armati.

F'Marzu 2013, ir-Rappreżentant Għoli ħatret lir-RSUE għas-Sahel. Ix-xogħol tar-RSUE kien vitali għat-tisħiħ tal-kwalità u l-impatt tal-impenn tal-UE fis-Sahel, kemm fir-rigward tal-qasam politiku kif ukoll dak tas-sigurtà u l-iżvilupp. Ir-rwol tiegħu fit-taħdidiet tal-paċi tal-Mali, bl-appoġġ ta' tim ta' medjazzjoni, kien essenzjali għall-UE, li jista' jkollu effetti pożittivi importanti għall-istabbiltà futura, mhux biss fil-Mali, iżda wkoll fir-reġjun usa'.

M'hemm l-ebda dubju li l-UE mxiet ferm 'il quddiem fl-indirizzar tal-isfidi fis-Sahel, billi għelbet l-ostakoli eżistenti u billi kienet kapaċi tiżgura l-komplementarjetà bejn l-istrumenti differenti tal-UE u l-missjonijiet/FEŻ kif ukoll b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Iżda jrid isir aktar:

- F'termini ta' *ffukar strateġiku* jidher partikolarment importanti li jiġu żviluppati aktar:
 - 1) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni;
 - 2) Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet xierqa għaż-Żgħażaġħ;
 - 3) Il-migrazzjoni u l-mobbiltà;
 - 4) Il-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu u l-kriminalità organizzata transnazzjonali.
- F'termini ta' *metodoloġija*, huwa importanti li jissaħħaħ aktar l-approċċ komprensiv tal-azzjoni tal-UE fis-Sahel, b'mod partikolari l-isforzi li għaddejjin lejn il-valutazzjonijiet kondiviżi u l-proċessi ta' programmar konġunt, permezz ta' sistema ta' monitoraġġ konsistenti. Sistema ta' monitoraġġ robusta bħal din ser tiġġenera azzjonijiet aktar effiċjenti u effettivi.

IMPENN IMĠEDDED GĦALL-OBJETTIV STRATEĠIKU ORIĠINALI

L-objettiv strateġiku oriġinali tal-Istrateġija tal-UE fis-Saħel¹⁵, bl-enfasi fuq ir-rabta bejn l-iżvilupp u s-sigurtà kif ukoll l-erba' pilastri għall-implimentazzjoni tagħha jibqgħu rilevanti bis-sħiħ u jagħtu qafas komprensiv għall-azzjoni tal-UE fis-Saħel¹⁶:

L-iżvilupp, il-governanza tajba u r-risoluzzjoni tal-konflitti interni

Ser jitkompla l-appoġġ għall-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli u inklużiv u għall-integrazzjoni reġjonali, billi nisiltu tagħlimiet mill-passat, inklużi: is-servizzi soċjali, speċjalment is-saħħa u l-edukazzjoni, ir-reziljenza¹⁷, l-agrikoltura sostenibbli u l-iżvilupp rurali, is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni, l-infrastruttura, l-iżvilupp tas-settur privat, u l-indirizzar tal-isfidi demografiċi.

L-UE ser tkompli tagħti appoġġ għal governanza aħjar inkluż permezz tal-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku (eż. l-ICTs), inkluż il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi b'enfasi partikolari fuq it-titjib tal-ġustizzja u l-aċċess għaliha, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-impunità bħala kwistjoni ta' priyorità. Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem ser jiġu promossi, inkluż appoġġ għall-elezzjonijiet, il-governanza lokali u d-deċentralizzazzjoni, u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal rappreżentanza aktar ugwali bejn is-sessi fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika. F'dan il-kuntest, il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi ser jiġi appoġġat ukoll fl-azzjonijiet kollha li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali, l-UE ser tisħaq bis-sħiħ fuq il-ġlieda kontra l-impunità għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tar-responsabbiltà f'dan ir-rigward.

¹⁵ L-objettiv għal żmien twil (5-10 snin) tal-Istrateġija kien: "It-tisħiħ tal-istabbiltà politika, is-sigurtà, il-governanza tajba, il-koeżjoni soċjali fl-istati tas-Saħel u l-opportunitajiet ekonomiċi u edukattivi, biex b'hekk jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli lokali u nazzjonali sabiex ir-reġjun tas-Saħel ikun jista' jimxi 'l quddiem u ma jibqax post tal-kenn potenzjali għall-AQIM u n-networks kriminali; l-assistenza fil-livell nazzjonali fil-mitigazzjoni tat-tensjonijiet interni, inkluż l-isfidi imposti mill-estremiżmu vjolenti li fuqu jgħixu l-AQIM u gruppi kriminali oħra". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

¹⁶ L-Addendum II u III jagħtu ħarsa ġenerali komprensiva tal-azzjonijiet li għaddejjin u dawk ippjanati kkombinati tal-istrumenti finanzjarji tal-UE u tal-Istati Membri tal-UE.

¹⁷ Jiġifieri permezz tal-inizjattiva AGIR.

Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar u lil flussi migratorji mħallta b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-migranti, u ser jiġu żviluppati aktar is-sinerġiji bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp.

Azzjoni politika u diplomatika

Bl-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE, atturi internazzjonali oħra segwew bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tagħhom stess tas-Saħel (inkluż in-NU, l-UA, il-Bank Dinji u l-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS)) biex b'hekk issaħħet il-ħtieġa li "naħsbu b'mod reġjonali".

L-Istrateġija kompliet tikkonsolida lill-UE bħala attur internazzjonali ewlieni li jindirizza l-kriżi reġjonali rikonorrenti u hija rikonoxxuta bħala tali. Dan jagħti lill-UE responsabbiltà speċjali, li hija attwalment riflessa permezz tal-parteċipazzjoni attiva fil-proċessi politiċi ewlenin, inkluż it-taħdidiet ta' paċi tal-Alġeri dwar il-Mali.

Ir-RSUE rrappreżenta lill-UE fil-fora internazzjonali kollha u fil-laqgħat ta' koordinazzjoni li ttrattaw is-Saħel, u b'hekk ta koerenza u immaġni lid-diplomazija tal-UE f'dan il-qasam u ser ikompli jagħmel hekk.

Id-Delegazzjonijiet tal-UE għamlu promozzjoni għall-approċċ reġjonali fir-rigward tal-awtoritajiet lokali fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Il-bidu ta' djalogu politiku regolari ta' livell għoli mal-G5 Saħel u l-inkoraġġiment ta' aktar integrazzjoni fi kwistjonijiet ta' sigurtà u stabbiltà fost l-istati tas-Saħel ser ikunu essenzjali għall-UE fil-futur immedjat. L-appoġġ għall-G5 Saħel ser jiġi previst mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi lil hinn mill-ħames pajjiżi tas-Saħel, sħubijiet xierqa mal-Unjoni Afrikana, l-ECOWAS, il-Proċess ta' Nouakchott, il-G5 Saħel, il-Komunità tal-Istati Saħel-Sahara (CEN-SAD) u l-Kummissjoni tal-Baċin tal-Lag Chad jistgħu jiġu promossi f'mod aktar sistematiku u konkret f'konformità mar-rwoli u l-oġettivi tagħhom. Kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi tal-Magreb, kif ukoll ma' pajjiżi oħra rilevanti tal-Afrika tal-Punent, ser tkun inkoraġġuta wkoll.

Is-sigurtà u l-istat tad-dritt

Fil-qasam tas-sigurtà, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser ikomplu jippromwovu u jipprovdu appoġġ għall-isforzi nazzjonali u reġjonali relatati mar-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-governanza tas-sigurtà, ir-rabta bejn is-sigurtà u l-ġustizzja, u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser jintensifikaw l-appoġġ għall-isforzi nazzjonali u reġjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, forom oħra ta' traffikar u l-kriminalità organizzata transnazzjonali. Jeħtieġ li dawn l-isfidi jiġu indirizzati ulterjorment, inkluż f'kuntest ta' korruzzjoni f'partijiet tal-apparat politiku u ta' sigurtà ta' ħafna minn dawn il-pajjiżi. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser ikomplu jimpenjaw ruħhom mal-pajjiżi tas-Saħel - u kull meta meħtieġ mar-reġjun kollu - fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u jidentifikaw opportunitajiet għal kooperazzjoni, inkluż permezz ta' missjonijiet tal-PSDK. Barra minn hekk, għandhom jiġu ffaċilitati il-kondiviżjoni tal-għarfien kif ukoll li wieħed jibni fuq it-tagħlimiet li ttieħdu f'dan il-qasam.

Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser ikomplu jippromwovu sistemi tal-ġustizzja indipendenti, aktar effiċjenti, ġusti, u aktar aċċessibbli fil-livelli nazzjonali u reġjonali, u ser isaħħu r-rispons tal-ġustizzja kriminali għat-terroriżmu. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-aċċess għal ġustizzja kredibbli li tħares id-drittijiet tal-bniedem, tnaqqas l-impunità u ssaħħa il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE jintensifikaw l-appoġġ għall-iżvilupp ta' reazzjonijiet effettivi tal-ġustizzja kriminali għat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

Il-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni

Ħafna mill-prijoritajiet elenkati taħt l-iżvilupp, il-governanza tajba u r-risoluzzjoni tal-konflitti interni ser ikollhom impatt dirett jew indirett fuq il-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni. Huma ser jindirizzaw, fost l-oħrajn, il-marġinalizzazzjoni, il-bżonnijiet bażiċi mhux milħuqa, il-qgħad, in-nuqqas ta' edukazzjoni, u s-sigurtà tal-bniedem.

It-tisħiħ tal-prospetti ekonomiċi taż-żgħażaġh fuq medda qasira u twila ta' żmien u l-offerta ta' opportunitajiet edukattivi ser ikunu kruċjali għall-prevenzjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser jintegraw il-prevenzjoni fil-programmi sabiex l-interventi jkunu ffukati fuq żoni ġeografiċi speċifiċi u/jew gruppi fil-mira fejn ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ huma partikolarment ikkonċentrati, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati reġjonali u nazzjonali, inklużi gruppi tas-soċjetà ċivili. Azzjoni preventiva addizzjonali meħuda bħala riżultat ta' opzjonijiet identifikati permezz tal-valutazzjonijiet ta' twissija bikrija ser jiġu mmonitorjati wkoll.

AZZJONIJIET IMSAĦĦA GĦALL-PAR

Mill-erba' linji ta' azzjoni strateġiċi ta' hawn fuq kif ukoll l-isfidi identifikati fil-kuntest ta' analiżi u tagħlimiet meħuda, jista' jiġi idenifikat sett ta' azzjonijiet ta' prijorità li għandu jissaħħa. Dawn l-azzjonijiet ser jiġu ttrattati permezz ta' sforzi diplomatiki u politiċi kif ukoll jitqiesu fl-identifikazzjoni ta' inizjattivi futuri.

Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontriha

L-ipprogrammar attwali tal-UE fis-Sahel fih bosta elementi li jindirizzaw ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, iżda għandu jsir ħafna aktar kemm fil-livell politiku u kemm f'dak diplomatiku kif ukoll fil-livelli tas-sigurtà u l-iżvilupp. Ir-radikalizzazzjoni fis-Sahel hija xprunata minn taħlita ta' fatturi u ċirkostanzi kumplessi, li jmorru lil hinn mill-faqar, id-diskriminazzjoni, kondizzjonijiet ekonomiċi ħżiena, eċċ. Għaldaqstant, ir-rispons issuġġerit għandu jmur lil hinn mill-ħidma ta' żvilupp tradizzjonali u għandu jkun kemm speċifiku għall-prevenzjoni u rilevanti għall-prevenzjoni¹⁸.

L-attivitajiet speċifiċi għall-prevenzjoni għandhom l-għan li jwaqqfu lin-nies milli jduru għat-terroriżmu; l-attivitajiet rilevanti għall-prevenzjoni jindirizzaw il-kondizzjonijiet li jistgħu jiffavorixxu r-radikalizzazzjoni u l-firxa tat-terroriżmu. Fehim aħjar u l-indirizzar tal-fatturi sottostanti bħall-qgħad, in-nuqqas ta' edukazzjoni, l-esklużjoni, is-sigurtà tal-bniedem, eċċ. huwa importanti. Ħafna minn dawn il-fatturi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' rispons ta' żvilupp xieraq li jipprevedi perspettiva fit-tul.

¹⁸ F'konformità mal-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu (dok. 14781/1/05).

QASAM TA' AZZZJONI Nru 1: F'konformità mal-Artikolu 210 TFUE, is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE ser jikkoordinaw programmi ta' żvilupp tal-UE u tal-Istati Membri biex jiffukaw, fejn adatt, fuq żoni/komunitajiet ġeografiċi speċifiċi fejn ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ huma kkonċentrati, u jippruvaw jintegraw aktar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni f'bidma ta' żvilupp u ta' programmar. L-iżvilupp u t-tweġġ ta' proġetti speċifiċi għall-prevenzjoni, inklużi dawk marbuta mal-ideoloġija u ma' atturi reliġjużi, kif ukoll l-aċċess għar-riżorsi u kawżi fundamentali oħrajn tar-radikalizzazzjoni. It-tweġġ ta' studju dwar l-impatt tas-Salafiżmu/Waħħabiżmu fir-reġjun. L-appoġġ għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-mezzi tal-komunikazzjoni, l-NGOs, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali. L-appoġġ lill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet li jippromwovu Iżlam moderat u paċifiku u Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili Iżlamiċi li jaħdmu għall-paċi. L-esplorazzjoni ta' possibiltajiet addizzjonali permezz ta' analiżi, taħriġ u appoġġ immirati, kemm tad-Delegazzjonijiet tal-UE kif ukoll ta' gruppi oħra fil-mira. L-attenzjoni fuq il-kawżi fundamentali tar-radikalizzazzjoni, jiġifieri l-faqar estrem, il-qgħad u d-dgħufija fis-sistemi edukattivi.

Żgħażaġħ:

L-iżvilupp ekonomiku fis-Sahel huwa prinċipalment immexxi mill-agrikoltura u l-industrija ta' estrazzjoni. Jinħtieġ tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu mhux ibbażat fuq il-minerali biex jinħolqu l-impjiegi u biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-faqar mifruq u l-inugwaljanzi fid-dħul li jkomplu jiddominaw fis-Sahel kollu. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol fis-setturi kollha, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh.

Attivitajiet għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni huma importanti fil-kuntest taż-żieda demografika taż-żgħażaġh, li hija waħda mill-isfidi ewlenin fir-reġjun tas-Sahel. Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni u biex iż-żgħażaġh jinżammu milli jiġu radikalizzati jew reklutati minn networks involuti fil-kriminalità organizzata transnazzjonali u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, huwa kruċjali li jiġu offruti alternattivi u opportunitajiet ta' valur, biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi u titjieb il-koeżjoni soċjali kif ukoll il-fiduċja f'istituzzjonijiet nazzjonali u fil-futur tal-pajjiżi rispettivi tagħhom.

